## NINDIRIZZAW IL-KRIMINALITÀ FIL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI

**Il-kriminalità fil-Proprjetà Intellettwali (IP) hija kumplessa u rapida, qed tevolvi mat-teknoloġija, man-negozju u max-xejriet globali.**

**1** L-**ambjent online iġib** opportunitajiet ġodda għall-falsifikaturi u l-pirati.

- Il-ksur tad-drittijiet tal-awtur online huwa sfida serja. L-IPTV illegali waħdu jiġġenera madwar **EUR 1 biljun fis-sena** għall-intrapriżi kriminali fl-UE.

  *(sors: Illegal IPTV in the EU, research on online infringing business models (EUIPOL-IPTV illegali fl-UE, riċerka dwar mudelli ta' negozju tal-ksur online), Novembru 2019, EUIPO)*

- L-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku u l-ispejjeż postali baxxi wasslu wkoll biex oġġetti ffalsifikati qed jiġu dejjem aktar mibgħuta permezz ta' pakketti żgħar u impriżi ta' kunsinna fil-pront.

**2** **Il-kriminalità fl-IP hija kwistjoni serja**, stabbilita fuq livell internazzjonali b'rabtiet mal-polikriminalità organizzata.

- Il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' prodotti ffalsifikati huma marbuta ma' gruppi tal-kriminalità organizzata internazzjonali, kif ukoll ma' atti kriminali usa', li jinkludu l-frodi, l-evażjoni tat-taxxa, il-kriminalità ċibernetika u t-traffikar ta' bnedmin.

  *(sors: Rapport dwar il-valutazzjoni tat-theddid fir-rigward tal-falsifikazzjoni u l-piraterija, Ġunju 2019, Europol-EUIPO)*

- Rotot ġodda tat-trasport joffru aktar opportunitajiet għall-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea.

Teknoloġiji ġodda, bħall-blockchain u l-intelliġenza artifiċjali, joffru toroq promettenti għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR). Il-ġlieda effiċjenti kontra l-kriminalità fl-IP tirrikjedi risponsi b'saħħithom u kkoordinati mill-partijiet interessati rilevanti kollha, bħal dawk li jfasslu l-politika, l-awtoritajiet tal-infurzar, kif ukoll l-industrija u l-intermedjarji.

https://euipo.europa.eu/

https://euipo.europa.eu/ohimportal/en/web/observatory/

@EU_IPO

EUIPO

# **L-IMPORTANZA** TAD-DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI U **L-IMPATT** TAL-KSUR

*Id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jipprovdu inċentivi u premju ġust għall-innovazzjoni u l-kreattività, l-assi ewlenin tal-Ewropa.*

01/08/2020












# IL-VALUR TAD-DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI (IPR) FL-UNJONI EWROPEA (UE)

## ...għall-ekonomija

**L-industriji li għandhom użu aktar għoli mill-medju tal-IPR jirrappreżentaw:**



**45%** tal-attività ekonomika totali (PDG) fl-UE (EUR 6.6 triljun)



B'mod dirett **29%** tal-impjiegi kollha fl-UE (**39%** jekk inżidu l-effetti indiretti tal-impjiegi f'setturi oħra) u jħallsu pagi li huma **47%** ogħla minn industriji oħra



**96%** tal-prodotti tal-UE esportazzjonijiet għall-bqija tad-dinja

*(sors: Industriji intensivi tal-IPR u l-prestazzjoni ekonomika fl-Unjoni Ewropea, Settembru 2019, EUIPO-EPO)*

## ... għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)

**L-SMEs li għandhom tal-anqas trademark, disinn jew privattiva waħda għandhom:**

**SMEs**

*DĦUL OGĦLA*

**32% ta' dħul aktar għoli għall-impjegat**

*PROBABBILTÀ OGĦLA GĦAL ESPERJENZA TA' TKABBIR*

**+21% jesperjenzaw tkabbir**
**+10% jesperjenzaw tkabbir għoli**

*L-SMES TAL-UE*

**9% tad-drittijiet tal-IP irreġistrati tal-SMEs Ewropej stess**

*(sorsi: High growth firms and IPR: IPR profile of high-potential SMEs in Europe, May 2019, EUIPO-EPO; IP and SME scoreboard, October 2019, EUIPO; IPR and firm performance in Europe, June 2015, EUIPO (L-intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir u l-IPR: Il-profil tal-IPR ta' SMEs b'potenzjal għoli fl-Ewropa, Mejju 2019, EUIPO-EPO; L-IP u t-tabella ta' valutazzjoni tal-SMEs, Ottubru 2019, EUIPO; L-IPR u l-prestazzjoni tal-intrapriżi fl-Ewropa, Ġunju 2015, EUIPO))*

## ...għaċ-ċittadini u l-konsumaturi

**Iċ-ċittadini jesprimu livell għoli ta' appoġġ għall-IPR:**

**Konsumaturi**

*L-IMPORTANZA TAL-IPR*

**97% jirrikonoxxu l-importanza tal-IPR**

*KONTENUT DIĠITALI*

**83% jippreferu aċċess legali għal kontenut diġitali online**

*KONSUMATURI ŻGĦAŻAGĦ "ETÀ BEJN 15 U 24 SENA"*

**13% xtraw prodotti foloz fl-aħħar 12-il xahar**
**21% kellhom aċċess għal kontenut diġitali ta' piraterija fl-aħħar 12-il xahar**

*(sorsi: L-IP u t-Tabella ta' valutazzjoni taż-żgħażagħ, Ottubru 2019, Iċ-ċittadin tal-UE u l-IP, Marzu 2017, EUIPO)*

# L-IMPATT TAL-KSUR TAD-DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI



**Fil-livell tal-UE, l-impatt ekonomiku u soċjali tal-ksur tal-IPR huwa wieħed kbir, kif jintwera f'serje ta' studji tas-setturi li huma b'mod partikolari vulnerabbli għall-falsifikazzjoni (inklużi l-kożmetiċi, il-ħwejjeġ, iż-żraben, l-aċċessorji, il-farmaċewtiċi, l-inbejjed, il-pestiċidi...)**

- **6.8%** tal-importazzjonijiet tal-UE, jew **EUR 121 biljun**, jikkonsistu minn falsifikazzjonijiet.
- **6.4%** tal-bejgħ totali jintilfu b'mod dirett kull sena.
- **EUR 83 biljun** f'bejgħ jintilfu kull sena.
- **671 000** impjieg jintilfu kull sena.
- Il-gvernijiet fl-UE jkollhom telf ta' aktar minn **EUR 15-il biljun** kull sena f'taxxi u f'kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.



**3.3%** tal-kummerċ dinji, **EUR 460 biljun** jikkonsistu minn prodotti ffalsifikati.

Il-prodotti ffalsifikati jippreżentaw riskji għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, kif ukoll għall-ambjent, peress li ma jikkonformawx mal-istandards ta' kwalità u ta' sikurezza. Ġiet osservata żieda ta' sekwestri doganali fir-rigward ta' ġugarelli, pestiċidi u prodotti farmaċewtiċi foloz li jkollhom fil-mira l-mard serju.

*(sorsi: Trends in trade in Counterfeit and pirated goods, March 2019, OECD-EUIPO; Status report on IPR infringement, June 2019, EUIPO; Qualitative study on risks posed by counterfeits to consumers, June 2019, EUIPO (Xejriet fil-kummerċ fir-rigward ta' Prodotti ffalsifikati u tal-piraterija, Marzu 2019, OECD-EUIPO; Rapport tal-istatus dwar il-ksur tal-IPR, Ġunju 2019, EUIPO; Studju kwalitattiv dwar ir-riskji ppreżentati mill-falsifikazzjonijiet għall-konsumaturi, Ġunju 2019, EUIPO))*